DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/636

tat-22 ta' April 2015

li ttemm il-proċedura ta' eżami li tikkonċerna l-miżuri imposti mit-territorju doganali separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu ("it-Taipei Ċiniża") li jaffettwaw il-protezzjoni tal-privattivi fir-rigward tal-compact disks li tista' tirrekordja fuqhom

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità fil-qasam ta' politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

A. SFOND PROĊEDURALI

(1) Fil-15 ta' Jannar 2007, Koninklijke Philips Electronics N.V. ("Philips" jew "l-ilmentatur") ressaq ilment skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3286/94 (ir-Regolament dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ ("it-TBR")).

(2) L-ilment jallega li t-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu ("it-Taipei Ċiniża"):

(a) kiser l-Artikolu 28 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ ("il-Ftehim TRIPS") billi ħareġ "liċenzji obbligatorji" fir-rigward ta' ħames privattivi għat-teknoloġija tal-Compact Disks li tista' tirrekordja fuqhom ("CD-R") ta' proprjetà tal-ilmentatur, lil kumpanija stabbilita fit-Taipei Ċiniża bl-isema ta' Gigastorage Corporation ("Gigastorage"), u li l-ksur tal-Artikolu 28 ma kienx iġġustifikat skont l-Artikolu 31 tal-Ftehim TRIPS;

(b) kiser ir-rekwiżiti proċedurali tal-Artikolu 31 tal-Ftehim TRIPS.

(3) L-ilmentatur allega li dan il-ksur kien ostakolu għall-kummerċ fis-sens tal-Artikolu 2(1) tat-TBR u li dawn l-ostakoli għall-kummerċ ħolqu effetti avversi għall-kummerċ skont it-tifsira tal-Artikolu 2(4) tat-TBR. L-ilmentatur allega wkoll li kien fl-interess tal-Komunità li tħares id-drittijiet tal-privattivi kkonċernati.

(4) Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv stabbilit mir-Regolament, li kien hemm biżżejjed evidenza li tiġġustifika l-ftuħ ta' proċedura ta' eżami biex jitqiesu l-kwistjonijiet ġuridiċi u fattwali involuti. Għaldaqstant, infetħet proċedura ta' eżami fl-1 ta' Marzu 2007.

B. IR-RIŻULTANZI TAL-PROĊEDURA TA' EŻAMI

(5) F'Jannar 2008, l-eżami kkonkluda li d-dispożizzjonijiet ta' liċenzja obbligatorja tal-Att dwar il-Privattivi tat-Taipei Ċiniża, l-Artikoli 76 u 77, kienu jiksru l-Artikolu 28 tal-Ftehim TRIPS u jqajmu kwistjonijiet ta' ħassib ġenerali għall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. L-Artikolu 76 tal-Att dwar il-Privattivi tat-Taipei Ċiniża kien instab li kien inkonsistenti mal-ħarsien tad-drittijiet esklussivi skont il-Ftehim TRIPS mogħtija minn privattiva skont l-Artikolu 28, peress li jippermetti l-ħruġ ta' liċenzja obbligatorja f'ċirkostanzi fejn kulma jkun hemm ikun nuqqas ta' qbil dwar il-patti u l-kundizzjonijiet f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ksur tal-Artikolu 28 ma kienx iġġustifikat mill-Artikolu 31 tal-Ftehim TRIPS. Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li l-Artikolu 31(b)(c) u (f) tal-Ftehim TRIPS ma kinux irrispettati. Ġie konkluż li l-awtoritajiet tat-Taipei Ċiniża interpretaw ħażin "patti u kundizzjonijiet kummerċjali raġonevoli" mill-Ftehim TRIPS u l-Att dwar il-Privattivi tat-Taipei Ċiniża, u għalhekk id-deċiżjonijiet tal-Awtoritajiet tat-Taipei Ċiniża kienu jiksru l-Artikolu 31(b) tal-Ftehim TRIPS. Ġie konkluż ukoll li t-Taipei Ċiniża kisret l-Artikolu 31(c) tal-Ftehim TRIPS billi naqset milli tistabbilixxi

([1]) ĠU L 349, 31.12.1994, p. 71.

kwalunkwe limitu għall-użu tal-liċenzji obbligatorji. L-investigazzjoni sabet ukoll ksur tal-Artikolu 31(f) tal-Ftehim TRIPS peress li l-kundizzjoni li l-liċenzji jintużaw predominantement għall-forniment tas-suq domestiku ma ġietx irrispettata; Gigastorage forniet predominantement is-suq tal-esportazzjoni.

(6) Dawn il-miżuri nstabu li jikkostitwixxu ostakolu għall-kummerċ fis-sens tal-Artikolu 2(1) tat-TBR. Il-Kummissjoni sabet li dawn l-ostakoli għall-kummerċ ikkawżaw effetti kummerċjali avversi lill-ilmentatur u jheddu li jikkawżaw effetti kummerċjali avversi li japplikaw għal kull operatur fl-UE li jitlob ħarsien għall-privattiva fit-Taipei Ċiniża. Il-Kummissjoni għalhekk qieset li d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tat-Taipei Ċiniża bbażati fuq l-Att dwar il-Privattivi tat-Taipei Ċiniża kkawżaw effetti kummerċjali avversi skont it-tifsira tal-Artikolu 2(4) tat-TBR. Il-Kummissjoni tikkonkludi wkoll li kien hemm interess Komunitarju li l-miżura kkonċernata tkun ikkontestata.

(7) Il-Kummissjoni għalhekk iddeterminat li l-awtoritajiet tat-Taipei Ċiniża għandhom jemendaw l-Att dwar il-Privattivi tat-Taipei Ċiniża u jiżguraw li l-effetti ta' preċedenza tal-miżuri tkun limitata, inkluż billi jkun żgurat li l-liċenzji obbligatorji jkunu revokati fl-intier tagħhom.

C. **ŻVILUPPI WARA TMIEM L-INVESTIGAZZJONI**

(8) Wara l-eżami, l-awtoritajiet tat-Taipei Ċiniża ħadmu fuq għadd ta' emendi għall-Att nazzjonali dwar il-Privattivi u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013 meta daħal fis-seħħ l-Att il-ġdid dwar il-Privattivi. Rigward ir-revoka tal-liċenzji obbligatorji, il-problemi speċifiċi li ltaqa' magħhom l-ilmentatur issolvew bi qbil reċiproku fl-2007. L-ilmentatur iqis li dawn l-impenji huma sodisfaċenti.

D. **KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

(9) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, huwa meqjus li l-proċedura ta' eżami wasslet għal sitwazzjoni sodisfaċenti fir-rigward tal-ostakoli li ffaċċa l-kummerċ kif kienu allegati fl-ilment imressaq mill-Philips. Il-proċedura ta' eżami għalhekk għandha tintemm skont l-Artikolu 11(1) tat-TBR.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Ostakoli Kummerċjali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċedura ta' eżami dwar il-miżuri imposti mit-Taipei Ċiniża li jaffettwaw il-ħarsien tal-privattivi fir-rigward tal-compact disks li tista' tirrekordja fuqhom hija b'dan mitmuma.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' April 2015.

Għall-Kummissjoni
Cecilia MALMSTRÖM
Membru tal-Kummissjoni